MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 873/2008

**Alfred Debattista**

**vs**

**Maria Stella Debattista, John Debattista, Josette Grech, Mario Debattista u Carmel *sive* Charles Debattista**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Alfred Debattista (Karta ta’ Identita` 1058048(M)) datat 28 ta’ Awwissu 2008, u pprezentat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi fit-13 ta' Ottubru 2005 miet Paolo Debattista missier il-kontendenti (kopja tac-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi l-imsemmi Paolo Debattista halla warajh lil martu u erbghat (4) itfal.

Illi dan Paolo Debattista irregola l-wirt tieghu permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Charles Mangion tad-19 ta’ Awwissu 2005.

Illi kif jirrizulta mill-imsemmi testment, l-esponenti ma giex inkluz bhala eredi.

Illi l-esponenti jigi iben il-mejjet Paolo Debattista u bhala tali tispetta lilu l-legittima fuq il-wirt tieghu u dan *ai termini* ta' l-artikolu 616 tal-Kodici Civili.

Illi minkejja li gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ din il-legittima, l-intimati baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1 Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejjet Paolo Debattista u martu Stella Debattista billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f' zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Paolo Debattista u lil assi partikolari ta' Stella Debattista.

3. Tillikwida l-beni partikolari ta' Paolo Debattista billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Tillikwida l-legittima spettanti lill-esponenti fuq l-assi ta' Paolo Debbattista u tordna li l-istess assi jithallsu lilu mill-intimati jew min minnhom *in solidum* bejniethom, bl-interessi fuq is-somma dovuta b'effett mid-data tal-mewt ta' Paolo Debattista sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2007, kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2008.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha datata 31 ta' Ottubru 2008 (fol 12) fejn Mario Debattista bil-gurament tieghu ikkonferma : -

1 Illi in kwantu ghall-konvenut John Debattista, in linja preliminari qieghed jigi eccepit illi huwa m' huwiex legittimu kontradittur f’ din il-kawza u ghalhekk ghandu jigi liberat *ad observantia judicis* peress illi jirrizulta b' mod manifest mit-testment tad-decujus Paolo Debattista illi huwa ma giex istitwit la bhala werriet u lanqas bhala legatarju.

2. Illi in kwantu ghall-konvenuti Josette Grech, Mario Debattista u Carmel sive Charles Debattista lanqas dawn ma huma legittimi kontradittturi f’din il-procedura *stante* illi lanqas huma ma gew istitwiti bhala werrieta izda huma biss beneficcarji ta' legat mholli favur taghhom.

3. Illi minghajr pegudizzju ghas-sueccepit it-talbiet tar-rikorrent huma infondati peress illi tezisti kontra tieghu raguni valida sabiex huwa gie disereditat.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet tar-rikorrent huma manifestament intempestivi u ghalhekk ghandu jbati wahdu l-ispejiez ta' din l-istanza peress illi huwa qatt qabel ma' ghamel interpellanza dwar il-pretensjonijiet tieghu.

5. Illi t-talba ghall-hlas ta' imghax f’ din l-istanza hija infondata legalment.

6. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea pprezentat fit-18 ta’ Jannar 2013 a fol 50 tal-process u mahluf fit-2 ta’ Mejju 2013.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, inkluz dak tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2013 fejn giet trattata l-kawza. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza ghas-17 ta' Marzu 2014.

Rat is-surroga datata 13 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014 meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. It-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet giet registrata fuq is-sistema eletronika. Tratta l-ewwel Dr. Roberto Montalto, b' replika ta' Dr. Maria Cordina. Il-partijiet iddikajraw li l-kawza tista' tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Settembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

B'din il-kawza l-attur qed jitlob sabiex fl-ewwel lok, jigu likwidati u divizi l-beni gja formanti l-assi ereditarju tal-mejjet Paolo Debattista, u il-hlas lill-istess attur tal-porzjoni rizervata lilu spettanti.

L-intimati in sintezi eccipew li ma gewx istitwiti werrieta permezz tal-ahhar testment tad-decujus filwaqt li John Debattista eccepixxa li lanqas jibbenefika bhala legatarju mill-wirt ta' missieru.

*Inoltre* laqghu ghat-talba attrici billi eccipew li tezisti kontra r-rikorrent raguni valida sabiex huwa gie disereditat u li t-talbiet attrici huma manifestament intempestivi.

**Rizultanzi**

Il-fatti rilevanti fil-qosor huma s-segwenti.  Paolo Debattista, missier ir-rikorrent miet fit-13 ta' Ottubru 2005 (**DOK A)** u halla superstiti ghalih lil martu, l-intimata Maria Stella Debattista.  Il-wirt tieghu hu regolat bl-ahhar testment tieghu *unica charta* ippubblikat fid-19 ta' Awwissu 2005 in atti tan-Nutar Charles Mangion.  Skont l-istralc tal-imsemmi testment, id-decujus halla bhala eredi universali tal-gid u beni kollha tieghu lil martu, Maria Stella Debattista filwaqt li ddispona mill-beni tieghu permezz ta' legati istitwiti favur tlieta minn uliedu, l-intimati Josette Grech, mart Anthony Grech, Charles u Mario ahwa Debattista, soggett ghall-uzufrutt tas-superstiti ommhom.

Id-dikjarazzjoni *causa mortis* saret mill-intimati Maria Stella Debattista, Josette Grech, Charles u Mario Debattista in atti tan-Nutar Malcolm Mangion fit-22 ta' Marzu 2006.

Il-gid tad-decujus Paolo Debattista jikkonsisti fis-segwenti attiv:

**Immobbli**

i) Nofs (1/2) indiviz mill-fond numru erbatax (14) bl-isem "*Valentine"* fi Triq ir-Ridott, kantuniera ma' Triq il-Katakombi Marsascala;

ii) Il-fond ossia kamra, sottoposta u sovraposta ghal proprjeta ta' terzi, bin-numru tliet mija u hamsa u ghoxrin, (325) fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, soggetta ghall-piz piju annwu u perpetwu ta' Lm1.75. Dan il-fond hu parafernali ghad-decujus[1];

iii) Nofs (1/2) indiviz mill-garaxx, sottopost ghall-proprjeta' ta' terzi, bin-numru mija u hamsin (150) fi Triq San Guzepp, Tarxien;

iv) Nofs (1/2) indiviz mid-dar bin-numru hamsa u tletin (35) fi Triq it-Tarzna, gewwa Rahal il-Gdid;

v) L-ghalqa gewwa Hal Qormi tal-kejl superficjali ta' tlett itmiem u zewg sighan ekwivalenti ghall-tlett elef, seba' mija u sebgha u erbghin metri kwadri, (3,747 mk) konfinanti mill-Grigal ma' proprjeta` ta' *Tal-Handaq Developments Limited,* jew is-successuri taghhom fit-titlu, u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta ta' sidien mhux maghrufa, kif ahjar delinejata bil-blu fuq pjanta annessa u mmarkata 'X' mehmuza mad-dikjarazzjoni *causa mortis;*

**Mobbli**

[1] Ara seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali datata l-21 ta' Gunju 2011 fejn il-partijiet qablu li dan il-fond hu parafernali ghad-decujus provenjenti mill-wirt ta' zijuh Angelo Debattista permezz ta' testment datat 25 ta' April 1980, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza.

vi) Oggetti mobbli gewwa l-fond 35, Triq it-Tarzna Rahal il-Gdid;

vii) Foreign Currency account fil Bank of Valletta p.l.c. f'munita Awstraljana numru 11911418013 fl-ammont ta' AUD 52,065.57 ekwivalenti ghall-€32,682.50[2]. Is-somma ta’ AUD51,640.57 ingibdet fid-9 ta' Novembru 2005 (**DOK RA1**);

viii) *Savings Account* mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 17301135010 fl-ammont ta' Lm860.54 li minnu ingibdu Lm300 fl-14 ta' Ottubru 2005. (**DOK RA2**);

ix) *Fixed Deposit Account* mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 17301135023 fl-ammont ta' Lm2,260.03 li mmatura fl-24 ta' Dicembru 2005 fl-ammont ta' Lm2,372.15 pari ghal €5,525.62 (**DOK RA3**);

x) *Savings Account* mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 013156823050 fl-ammont ta' Lm7.20 pari ghal €16.77 **(DOK AG2).**

Fil-kors tal-proceduri gie nominat Dr Vincent Galea bhala Perit Legali. Il-beni immobbli gew stmati mill-Perit Alan Saliba li gie nominat bi qbil bejn il-kontendenti kollha fis-seduta quddiem il-Perit Legali mizmuma fl-14 ta' Dicembru 2010. Il-Perit zamm access fuq il-proprjeta` fl-20 ta’ Jannar 2011 u r-rapport tieghu jinsab ezebit a fol. 266 *et. seq.* tal-process.

[2] Skont ir-rata bazi tal-kambju ezistenti fit-13 ta' Ottubru 2005 ta' 0.62772

L-istess Perit irrediga stima tal-proprjeta fl-intier taghha. Din l-istima tvarja mill-valur moghti mid-dikjaranti *causa mortis* izda peress li l-Perit gie nominat bi qbil sabiex jaghmel valutazzjoni *ai fini* ta' din il-vertenza, il-Qorti ser tistrieh fuq il-valutazzjonijiet moghtija mill-Perit Saliba ghall-komputazzjoni tal-kreditu ghas-sehem rizervat.

Jirrizulta wkoll li l-oggetti mobbli gewwa l-fond fi triq it-Tarzna gew stmati mir-regattier Bonnici. Din l-istima ma gietx kontrastata u l-Qorti ghalhekk ser taddotta l-konkluzjoni tar-regattier imsemmi.

Riferibbilment ghall-kont bankarju f'munita estera, dan gie kkonvertit skont ir-rata bazi ezistenti fil-gurnata tal-mewt tad-decujus.

**XHIEDA RILEVANTI:**

**Alfred Debattista** xehed permezz ta' affidavit (ezebit a fol. 87) fejn iddikjara li hu jigi iben Maria Stella Debattista u Paolo Debattista li miet fit-13 ta' Ottubru 2005, waqt li John, Mario, Charles u Josette Grech huma hutu. Minn ricerki li ghamel wara l-mewt ta' missieru skopra li ma kienx gie istitwit bhala werriet.

Peress li hadd mill-membri tal-familja ma kellmuh fir-rigward is-sehem tieghu mil-ligi bhala iben missieru, ma kellux ghazla ohra hlief li jibda proceduri l-Qorti.

Jaf li missieru kellu l-proprjetajiet segwenti:

(1) 33/35, Dockyard Street, Paola
(2) 151, St. Joseph Street, Tarxien (garaxx)
(3) Valentine, Triq ir-Ridott, Marsascala (bungalow)
(4) Raba' limiti ta' Hal Qormi f'tal-Handaq (tomnejn u nofs u nofs tomna)
(5) Karozza *vintage* (ma jafx x'sar minn din il-vettura).
(6) Flus u deheb il-Bank
(7) 325, St. Paul's Street, Valletta

Dwar il-karrozza qal li ma jafx x'sar minnha u dwar deheb ma jirrizultax mill-provi li kien hemm deheb depozitat il-Bank. Ghalhekk il-Qorti mhiex ser tikkonsidrahom *ai fini* tal-likwidazzjoni mitluba.

Ir-rikorrent ipprezenta r-ricerki fir-rigward l-ewwel erba' postijiet fuq indikati (a fol. 143 et seq). Xehed li jista' jkun hemm proprjetajiet ohra li ma jafx bihom.

Rigward il-proprjeta` numru 7, iddikjara li din kienet tappartjeni lil hu missieru u cioe` lil Angelo Debattista u din halliha lil missieru b'wirt.

L-attur ipprezenta nota bil-pretensjonijiet tal-legittima *ossia* sehem riservat (**Dok JD1** ezebit a fol. 286).

**<u>Audrey Ghigo</u>,** rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc, xehdet (fol. 100) li hija ghamlet ricerka fir-rigward ta' Paola Debattista u skopriet li kien hemm *Fixed Term Deposit* u li fis-16 ta' Gunju 2005 kien hemm bilanc ta' Lm1,141.14 (Dok AG1) kif ukoll *Savings Account* u li fit-28 ta' Dicembru 2005 kien hemm is-somma ta' Lm7.20 (Dok AG2).

**Romwald Attard,** rapprezentant ta' Bank of Valletta plc., xehed li minn ricerka li saret dwar Paolo Debattista rrizulta li kellu tliet kontijiet li llum il-gurnata jinsabu maghluqa:

(1) *Savings Foreign Currency Account (Australian Dollars)* u li fid-data tal-mewt ta' Paolo Debattista (cioe` 13 ta' Ottubru 2005) kien fih bilanc ta' AUD$52, 065.57 **(Dok RA1).**

(2) *Savings Account* li fid-data tal-mewt tieghu kellu bilanc ta' Lm369.43 **(Dok RA2).**

(3) *Fixed Deposit Account* li meta nghalaq kellu bilanc ta' Lm2,312.04 kif ukoll imghax ta' Lm60.11 (Dok RA3). Dan il-kont inghalaq fl-24 ta' Dicembru 2005, u il-flus ingibdu kontanti minn Mario Debattista **(Dok RA1).**

**Maria Stella Debattista** xehdet fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011[3] ghaddiet lir-rikorrent curkett tad-deheb li huwa kien ircieva minghand il-parrina tieghu, kif ukoll statwa tad-Duluri.

Fit-testment kien hemm imnizzel li hi u zewgha huma eredi ta' xulxin, izda hallew dar f'Wied il-Ghajn lit-tlett itfal u cioe` Josette, talli daret bihom, kif ukoll lil Mario u lil Carmel, li hadmu hafna fiha din id-dar, u Carmel kien anke hareg xi flus. Id-dar inxtrat fiz-zwieg u ghalhekk nofsha taghha.

Uliedha John u Alfred ma ssemmewx fit-testment, peress li kienu abbandunawhom.

---

[3] Fol 297 tal-process.

**Carmel Debattista** xehed[4] li fir-rigward id-dar ta' Wied il-Ghajn, il-ġenituri tieghu xtaqu proprjeta` Malta, peress li kienu jghixu barra. Hu, huh Mario u r-ragel ta' ohtu Josette ghamlu hafna mill-kostruzzjoni ta' din id-dar, peress li kienet *shell.* B'kollox il-ġenituri tieghu nefqu xi Lm20,000 biex irrangaw id-dar.

**Mario Debattista**[5] kkonferma dak li xehed huh Carmel u zied jghid li fir-rigward ta' din id-dar saret ukoll *extension* gdid tal-garaxx, ghamlu x-xoghol tad-dawl u l-ilma u waqqghu kamra tal-banju u bnew wahda ikbar, kif ukoll kamra tal-banju *ensuite,* poggew il-madum, ghamlu t-trinek u l-i*skirting*.

**IT-TESTMENT *UNICA CHARTA*:**

It-testment *unica charta* li ggib id-data tad-19 ta' Awwissu 2005, maghmul minn Paul Debattista u martu Maria Stella Debattista, fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion jinsab ezebit a fol. 115 tal-process.

**Fit-Tieni Artikolu** nsibu s-segwenti:

*"It-testatur ihalli b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtu, u wara l-mewt ta' martu, in piena u assoluta proprjeta`, lit-tlett uliedu indaqs bejniethom, u cioe` lil Josette Grech, mart Anthony; Charl; u Mario, bis-sostituzzjoni*

[4] Seduta mizmuma mill-Perit Legali fis-27 ta' Jannar 2012 -a fol.305 *et.seq.* tal-process.
[5] Xhieda moghtija fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fis-27 ta' Jannar 2012 -a fol.305 *et.seq.* tal-process.

*volgari ghal uliedhom, u in mankanza, bi dritt ta' akkrexximent sehem tieghu, tad-dar gio Marsascala ......*

*(B) It-testatur jhalli b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtu u wara mewt it-testattrici martu, lil ibnu Mario, l-uzufrutt ta' sehmu, cioe` nofs indiviz mid-dar ta' residenza tieghu, fi Triq id-Dockyard, numru hamsa u tletin, gio r-Rahal Gdid .....*

***It-tielet Artikolu**:*

*It-testatur ihalli b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtu, lil martu Maria Stella Debattista, l-uzufrutt u t-tgawdija fuq ir-rimanenti gid kollu tieghu, mobbli u immobbli ....*

***Ir-raba' Artikolu:***

*..... t-testatur jahtar u jistitwixxi bhala eredi universali tal-gid u l-beni kollha tieghu, lil martu Maria Stella Debattista ... It-testatur jordna li wliedu jkollhom biss dritt ghall-parti rizervata mill-gid tieghu, liema parti rizervata tigi kkalkolata a bazi tal-valur dakinhar tal-mewt tieghu.*

***Il-hames Artikolu:***

*It-testatur jaghti lil martu t-testattrici, il-fakultajiet kollha li liberamen*t *tvarja d-dispozizzjonijiet testamentari ta' dan it-testment ......"*

Id-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret mill-intimati tinsab ezebita a fol.  121 tal-process.

**<u>RELAZZJONI TAL-PERIT LEGALI:</u>**

Dr. Vincent Galea gie nominat mill-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, fl-4 ta' Frar 2009. Ir-relazzjoni tieghu tinsab esebita a fol 50 *et. seq.* tal-process.

Skont l-ahhar testment li sar mid-decujus Paolo Debattista fid-19 ta' Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion, l-eredi universali tal-gid u l-beni kollha tad-decujus Paolo Debattista hija biss martu l-intimata Maria Stella Debattista.

L-abbli Perit illikwida l-gid tad-decujus u applika l-valutazzjoni moghtija mill-Perit Alan Saliba.  Il-partijiet jidhru li qablu fuq il-likwidazzjoni tal-kreditu dovut lir-rikorrenti ghajr ghall-kwistjoni dwar imghaxijiet kif ser jigi ttrattat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi din il-Qorti hi tal-fehmha li m'ghandhiex ghalfejn tbiddel il-konkluzjonijiet tal-Perit moghti minnu dwar l-entita' tal-gid immobbli u mobbli, formanti parti mill-wirt u ghalhekk qed taddottahom *ai fini* tad-

decizjoni taghha. Dawn ser jigu rapportati aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

**L-Ewwel u t-Tieni Eccezzjonijiet**

Illi dwar l-eccezzjoni li l-ahwa Josette Grech, Mario u Carmel sive Charles Debattista huma biss legatarji u bhala tali ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, jirrizulta a bazi ta' dak indikat fis-sentenza fl-ismijiet **"Maria Saliba et vs Giuseppe Portelli et"** (P.A. (MCC) – 25 ta' Novembru 1995 – Vol. XLE.ii.1067) *"sabiex il-legittima ma tigix stabbilita f'ammonti jew valuri differenti fil-konfront ta' kull legittimarju, (l-legatarji u legittimarji) ghandhom interess illi jkunu mharrkin ghall-finijiet tal-likwidazzjoni biss, kif distinti mill-pagamenti taghhom"* u fil-fatt l-interess tal-imsemmija persuni jirrizulta kemm mill-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet taghhom.

Infatti hemm dispozizzjonijiet fit-testment imsemmi li jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, irid isir tnaqqis *pro rata* minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji. Ghalhekk, il-prezenza tat-tlett intimati Josette Grech, Mario Debattista u Charles Debattista hi mehtiega ghall-integrita' tal-gudizzju.

Fir-rigward tal-intimat John Debattista, la huwa werriet u lanqas legatarju, izda skont it-testment ta' missieru tad-19 ta' Awwissu 2005, ghandu dritt ghas-sehem rizervat. B'hekk il-prezenza tieghu ma hijiex

mehtiega f’dawn il-proceduri, peress li l-vertenza bl-ebda mod ma taffettwa d-drittijiet spettanti lilu mill-wirt ta’ missieru.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lil John Debattista mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li qed tichad it-tieni eccezzjoni ssollevata mill-ahwa Josette Grech, Mario u Carmel sive Charles Debattista.

**<u>Il-Porzjoni Rizervata</u>**

Illi d-dritt ghal-legittima (**artikolu 615 tal-Kap. 16)** huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa’ haj.

Illi f’dan il-kaz ‘l ulied huma hamsa u ghalhekk il-porzjoni rizervata ghar-rikorrent tinhadem fuq nofs (1/2) l-assi ereditarju (cioe` 1/10) tal-assi ereditarju ta' missier ir-rikorrent.  (**artikolu 616 tal-Kap. 16**).

Illi mill-**artikolu 647** *et sequitur* tal-**Kap. 16** jirrizulta li l-legati u pre-legati ghandhom jigu nkluzi mal-assi ereditarju li fuqu trid tinhadem il-legittima u dan jinsab ikkonfermat mis-sentenzi **“Maria Pace et vs Maria Melita Cachia et”** (P.A. (PS) – 16 ta’ Gunju 2003; **“Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar pro et noe”** (P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003); **“Silvana mart Alfred Zammit vs Antoinette mart Paul Meilak”** (P.A. (NC) – 15 ta’ Ottubru 2003); **“Francesco Caruana vs Nazzareno Caruana et”** (P.A. (JRM) – 1 ta’ Marzu 2004); u **“Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et”** (A.C. – 28 ta’ Jannar 2005).

Kif jghid ***Torrente*** "*Manuale del Diritto Civile Italiano"*[6]

"*Per determinare l'ammontare della quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere :*

*a) alla formazione della massa di tutti i beni che appartenevano al defunto all'epoca della sua morte;*

*b) alla detrazione dei debiti;*

*c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto. "*

Jghid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia "si calcolano i valori dei beni che appartenevano al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir relictum - cio che e' stato lasciato). Dalla somma stess si detraggono i debiti .... Al risultato cosi' ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione. Sull'asse cosi' formato si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)".*

B'hekk, l-ewwel ezercizzju li ghandu jsir hija r-**rijunjoni fittizja** tal-gid**,** fejn isir kalkolu ta' l-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion)* u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Ghalhekk dan m'hu xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'hekk ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tal-legittima.

[6] pp.934 et seq.

Ukoll hu pacifiku li sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista’ jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta’ beni (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** - Prim Awla tal-Qorti Civili - 22 ta’ Mejju 1950). Isegwi li peress li l-legittima hi porzjon li d-decujus ma jistax jiddisponi minnha, t-testatur lanqas ma jista’ jimponi xi piz jew xi kundizzjoni fuqha (**Artikolu 620 Kodici Civili**).

Izda jekk id-decujus matul hajtu, kif ukoll permezz ta’ disposizzjonijiet testamentarji jkun qabez is-sehem li seta' jiddisponi minnha, ikun hemm lezjoni ta’ legittima. L-**Artikolu 651** tal-Kap 16 jispecifika li *“kemm-il darba d-disposizzjonijiet b’testment ikunu jaqbzu s-sehem li minnu seta’ jaghmel it-testatur, jew il-bicca ta’ dan is-sehem li tibqa’ wara li jinqata l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir pro rata, minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji. ”*

Ikkonsidrat li bl-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta’ l-Att XVIII ta’ 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjon rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon rizervata fil-konfront tal-eredita. B’hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tad-decujus.

Qabel l-emendi li dahlu f’2004, fir-rigward l-ereditajiet, il-legittimarju ghandu dritt jircievi l-legittima *in natura* f’dritt ta’ proprjeta`. Fejn minflok is-sehem *in natura* l-Qorti tiddeciedi li l-legittimarju ghandu jircievi flus, ikun gust u ekwu li l-legittimarju jircievi dan is-sehem skont il-valur tal-beni fiz-zmien l-iktar qrib possibbli tal-pronunzjament tas-sentenza finali *("**Emilia Maria Mifsud et vs Eleonora Mizzi et" –*** Qorti ta’ l-Appell 14 ta’ Dicembru 1973).

**<u>It-Tielet Eccezzjoni</u>**

Permezz tat-tielet eccezzjoni l-intimati jghidu li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati, peress li tezisti kontrih raguni valida sabiex huwa jigi dizereditat.

L**-Artikolu 622 tal-kodici Civili** jistipula li:

*"Barra mir-ragunijiet li ghalihom wiehed jista jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-ligi ghandhom il-jedd ghas-sehem rizervat jistghu jigu mcahhda minnu b'dikjarazzjoni maghmula ghaldaqshekk mit-testatur, ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici, u li tkun imfissra fit-testment".*

Waqt illi s-sub-Artikolu (1) ta' l**-Artikolu 625 tal-Kap. 16** jispecifika li:

*"Ir-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni".*

Fil-kawza odjerna, mill-istralc tat-testment, ma tirrizulta l-ebda raguni ghaliex ir-rikorrenti kien qed jigi dizereditat, u ma hemm l-ebda dikjarazzjoni li r-rikorrent qieghed jigi dizereditat.

**Ghal din ir-raguni, din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.**

**Ir-Raba' Eccezzjoni**

Fir-raba’ eccezzjoni l-intimati jghidu li t-talbiet tar-rikorrenti huma manifestament intempestivi u ghalhekk ghandu jbati l-ispejjez ta’ din il-kawza, peress li hu qatt qabel ma ghamel interpellanza dwar il-pretensjonijiet tieghu.

Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent qatt ma baghat ittra fejn talab is-sehem rizervat minghand l-intimati b’mod dirett, izda ezebixxa ittra legali u ittra ufficjali fejn jissemma l-wirt, izda mhux il-kwistjoni tas-sehem rizervat.

Pero’, kif isostni l-Perit Legali, fil-kaz odjern, ma kien hemm ebda htiega li jintbaghtu dokumenti legali/ufficjali fil-kaz odjern. *Inoltre* mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent talab spjegazzjoni ghaliex thalla barra mill-wirt, filwaqt li l-intimati ma tawhx wicc.

**Ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi ukoll michuda.**

**Il-Hames Eccezzjoni - Imghaxijiet**

Fl-ahhar eccezzjoni taghhom, l-intimati jallegaw li t-talba ghal-hlas ta’ imghax f’din l-istanza hi nfondata legalment.

**Artikolu 615 subartikolu (2)** tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti fir-rigward l-imghaxijiet:

*"L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Izda l-Qorti tista, fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabilixxi rata ta' imghax li tista tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

Il-proviso ta' dan l-Artikolu dahal fis-sehh permezz ta' l-Att Nru: XV tas-sena 2012 u ghalhekk ma huwiex applikabbli ghal dan il-kaz, peress li din il-kawza nfethet fis-sena 2008. Hu pacifiku li l-effetti legali ta' emenda joperaw mid-data li tidhol fis-sehh din l-emenda, u l-istess japplika ghall-*proviso.*

L-intimati jissottomettu li din il-Qorti m'ghandhiex timponi fuqhom il-hlas tal-imghax.

Ikkonsidrat li l-emenda imsemmija giet introdotta bl-artikolu 58 tal-Att XVIII tal-2004 izda mhux b'effett immedjat (Art. 116(2) tal-Att).

Id-data ta' bidu fis-sehh ta' din l-emenda giet stabbilita permezz ta' L.N. 48 tal-2005 bhala l-1 ta' Marzu 2005. Paolo Debattista miet fit-13 ta' Ottubru 2005 u ghalhekk din l-emenda hija applikabbli ghall-kaz odjern.

Ikkonsidrat li jinsab pacifikament affermat illi fuq il-beni li jikkomponu l-legittima tieghu l-legittimarju ghandu dritt ghall-frutti minn dakinhar ta’ l-apertura tas-successjoni. Fil-kawza fl-ismijiet "***Caruana v Zammit*** *"* *(***Vol. XXVI P II p1)** il-Qorti irriteniet li "*I frutti della legittima sono da considerarsi non come costituenti un aumento della somma o valore principale della legittima, ma come accessorio della stessa. Dal quale principio di diritto la dottrina et una concorde giurisprudenza ha conchiuso che i riservatari o legittimari hanno diritto si' ai frutti a partire dall'apertura della successione, ma solo ai frutti dei beni che compongono la loro legittima o riserva. "*(Ara wkoll **Vol. XXXIV P II p 568**).

Id-difensur tal-intimati issottometta li l-valutazzjoni tal-immobbli sehhet b'riferenza ghall-valur tal-immobbli fi zmien wara l-apartura tas-successjoni, meta l-immobbli jkun akkrexxa fil-valur tieghu. Ghalhekk argumenta li mhuwiex gust li l-imghax jigu stabbiliti fuq din is-somma gja inflazjonarja ghaliex l-awment hu gja rifless fis-somma li ser tispetta lir-rikorrent.

Illi dan l-argument ma jistax jigi akkolt fid-dawl tal-karattru ta' imghaxijiet bhala accessorju ghal-legittima u mhux bhala danni fuq kreditu kanonizzat. Ghalkemm l-artikolu fuq citat jirreferi ghall-artikolu 1139 tal-Kap 16, din ir-riferenza hija biss ghar-rata ta' imghax stabbilita b'dak l-artikolu. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tigbed inferenza mill-principji generali li jirregolaw l-istitut tal-legittima biex tirriduci l-imghaxijiet applikabbli kif stabbilit fil-*proviso* u ma tistax tapplika l-*proviso* ghaliex dan kien ghadu ma dahalx fis-sehh meta giet intavolata din il-kawza.

Ghalhekk ser tapplika l-emenda minghajr l-attenwanti tal-*proviso.*

Ikkonsidrat li din il-kawza giet istitwita fit-28 ta' Awwissu 2008. L-intimata Maria Stella Debattista giet notifikata fil-15 ta' Ottubru 2008 u ghalhekk, l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) ghandhom jibdew jiddekorru mill-15 ta' Ottubru 2008.

***<u>Applikazzjoni tal-Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt mal-Fatti ta' dan il-kaz:</u>***

Mill-provi rrizulta li l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Debattista jammontaw komplessivament ghall-valur ta' tmien mija, wiehed u disghin elf u ghaxar ewro u tlieta u erbghin centezmu (€891,010.43) u dan kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Legali li din il-Qorti qed taddottaha bhala taghha *ai fini* tal-likwidazzjoni tal-gid tad-decujus, tal-valuri u tal-komputazzjoni tas-sehem rizervat.

Riferibbilment ghall-valutazzjoni mill-Perit Alan Saliba, datata l-1 ta' Frar 2011, ikkonsidrat li kienu l-partijiet stess li hatru perit bi qbil bejniethom biex jaghmel valutazzjoni tal-fondi fl-eredita' u ghalhekk din il-Qorti ser tistrieh fuq l-istimi tieghu li, *del resto*, mhumiex ikkontestati.

Jirrizulta li fit-testment *unica charta,* id-decujus iddispona li l-valur tal-"*parti rizervata tigi kkalkolata a bazi tal-valur dak-in nhar tal-mewt tieghu"* izda l-Qorti tqis li din il-volonta' giet sostitwita bil-volonta espressa unanima tal-eredi universali, flimkien mal-legatarji u l-ulied l-ohra.

**<u>Likwidazzjoni tal-Gid tad-Decujus</u>**

Mill-ezami tal-provi prodotti rrizulta li l-gid tad-decujus fid-data tal-mewt tieghu kien jikkonsisti fis-segwenti:

**Komunjoni tal-Akkwisti**

(1) Il-fond bin-numru 14, Valentine, Triq ir-Ridott, Marsascala, liema fond huwa soggett ghal uzufrutt ta' l-intimata Maria Stella Debattista, mart l-istess Paolo Debattista. Il-Perit Alan Saliba, nominat f'din il-kawza bi qbil bejn il-partijiet stima din il-proprjeta` fl-ammont ta' €650,000. Ghalhekk, nofs il-valur tal-proprjeta` hu ta' €325,000.

(2) Il-fond, cioe` garaxx, sottopost ghal proprjeta` ta' terzi, bin-numru 150, Triq San Guzepp, Hal-Tarxien, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu. L-istima tal-Perit Saliba ghal din il-proprjeta` kienet fl-ammont ta' €42,000, b'nofs il-valur taghha bis-somma ta' €21,000.

(3) Il-fond, cioe` dar bin-numru 35, f'Triq it-Tarzna, Rahal Gdid, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha. L-istima tal-Perit Saliba ghal din il-proprjeta` kienet fl-ammont ta' €88,000. Nofs il-valur taghha huwa €44,000.

(4) L-intier ta' l-ghalqa gewwa Hal Qormi tal-kejl superficjali ta' tlett itmiem u zewg sieghan ekwivalenti ghal 3,747 m.k. konfinanti mill-Grigal ma' proprjeta` ta' Tal-Handaq Developments Limited jew is-successuri taghhom fit-titolu, u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, kif delinejata bil-blu fuq il-pjanta mmarkata bl-ittra X mehmuza mad-dikjarazzjoni *causa mortis.* L-istima tal-Perit Saliba ghal din il-proprjeta` huwa fl-ammont ta' €70,000 li nofs il-valur tieghu jigi €35,000.

(5) Proprjeta` mobbli gewwa l-fond 35, Triq it-Tarzna, Rahal Gdid, li skont ir-regettier Bonnici gie stmat fl-ammont ta’ €1,925 b'hekk nofs il-valur hu ta' €962.50.

(6) Kont f’munita Awstraljana mizmum mal-Bank of Valletta p.l.c. u li fid-9 ta’ Novembru 2005 ingibdet is-somma ta’ $51,640.57 (Dok RA1). Peress li din is-somma ingibdet wara l-mewt tad-decujus, din il-Qorti ser tinkludi l-ammont kollu depozitat fid-data tal-mewt tad-decujus ammontanti ghall-AUD$52,065.57 ekwivalenti ghal €32,682.50, b'hekk nofs il-valur hu ta' €16,341.25.

(7) Kont *Savings* f’munita Maltija mizmum mal-Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' Lm369.43 pari ghal €860.54. Fl-14 ta’ Ottubru 2005 ingibdet is-somma ta’ Lm300 (€698.81) biex b’hekk f’dan il-kont kien hemm il-bilanc ta’ Lm69.43 (€161.73) (Dok RA2). Din il-Qorti ghall-istess raguni moghtija fil-paragrafu antecedenti, qed tikkomputa l-ammont shih ta' €860.54, b'hekk nofs il-valur hu ta' €430.27.

(8) Kont *Fixed* f’munita Maltija mizmum mal-Bank of Valletta p.l.c. li meta mmatura kellu l-ammont ta’ Lm2,372.15 u cioe` €5,525.62 (Dok RA3), b'hekk nofs il-valur hu ta' €2,762.81.

(9) Kont *Savings* f’munita Maltija mizmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c. li fit-28 ta’ Dicembru 2005 kien fih is-somma ta’ Lm7.20 (€16.77) (Dok AG2) b'hekk nofs il-valur hu ta' €8.35.

**<u>Assi Parafernali tad-Decujus</u>**

Il-fond, cioe` kamra, sottoposta u sovraposta ghal proprjeta` ta’ terzi, bin-numru 325, Triq San Pawl, Valletta, soggetta ghal piz piju annwu u perpetwu ta’ Lm1.75, altrimenti libera u franka, bid-drittijiet

u l-pertinenzi taghha kollha. L-istima tal-Perit Saliba ta' din il-proprjeta` kienet ta' €28,000. Dan il-fond huwa proprjeta` parafernali ta' Paolo Debattista.

In succint, dak li jirrizulta bhalha assi huma:

- **<u>Proprjeta` immobiljari</u>** fl-ammont komplessiv ta' €878,000 inkluz il-proprjeta parafernali tad-decujus b'valur ta' €28,000. Ghalhekk, sehem Paolo Debattista mill-komunjoni ta' l-akkwisti huwa €425,000. B'zieda tal-proprjeta` parafernali tal-Belt li tammonta ghal €28,000, sehem Paolo Debattista huwa ta' **<u>€453,000.</u>**

- **<u>Proprjeta` mobbli (ghamara)</u>** fl-ammont komplessiv ta' €1,925, liema somma ghandha tigi diviza fi tnejn biex b'hekk sehem Paolo Debattista mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigi fl-ammont ta' **<u>€962.50.</u>**

- **<u>Proprjeta` mobbli (flus)</u>** fl-ammont komplessiv ta' €39,085. 43, liema somma ghandha tigi diviza fi tnejn biex b'hekk sehem Paolo Debattista huwa ta' **<u>€19,542.72.</u>**

**B'kollox, il-valur tal-gid tad-decujus Paolo Debattista huwa ta' €473,505.22.**

Is-sehem rizervat jinhadem hekk:

(i) Il-valur tal-gid ta' Paolo Debattista gie likwidat fl-ammont ta' €473,505.22.

(ii) Il-kontendenti kellhom hamest itfal u skont l-Artikolu 616 tal-Kapitolu 16, is-sehem rizervat irid jinhadem fuq nofs dan l-

ammont. Nofs €473,505.22 jigi l-ammont ta' €236,752.61. Dan huwa s-sehem rizervat. Skont l-Artikolu 614 tal-Kodici Civili, d-decujus Paolo Debattista seta' jiddisponi mis-somma ta' €236,752.61 kif ried, izda ried bilfors ihalli s-somma ta' €236,752.61 peress li dan l-ahhar ammont hu mholli mil-ligi ghal dawk li ghandhom dritt jitolbu s-sehem rizervat.

(iii) L-ammont ta' €236,752.61 irid jinqasam bejn il-hamest itfal.

(iv) Meta tinhadem is-somma dovuta bhalha sehem rizervat ghal-persuna wahda tirrizulta s-somma ta' €47,350.52. Din hija l-ahhar somma li l-intimata Maria Stella Debattista, bhalha eredi tad-decujus zewgha Paolo Debattista ghandha thallas lir-rikorrenti binha bhalha s-sehem rizervat lilu mill-wirt ta' missieru. Flimkien ma' dan l-ammont hemm l-imghaxijiet ta' 8% li ghandhom jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-15 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-hlas effettiv.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni** u tillibera lill-intimat John Debattista mill-osservanza tal-gudizzju, **Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha** tal-intimati u tiddisponi mit-talbiet attrici fis-sens li gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejjet Paolo Debattista u martu Stella Debattista u tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u assi mobbli u mmobbli kollha hekk kif stabbilit aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f' zewg porzjonijiet ugwali tal-valur kull porzjon ta' erba' mija u hamsa u

ghoxrin elf ewro (€425,000) li qed jigi assenjat nofs (1/2) lill-eredita tad-decujus u nofs (1/2) lill-armla superstiti Maria Stella Debattista.

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici** u tillikwida l-beni partikolari ta' Paolo Debattista billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs (1/2) indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti hekk kif elenkat aktar ‘il fuq f'din is-sentenza, kif ukoll il-proprjeta' fl-intier tal-fond ossia kamra bin-numru tliet mija u hamsa u ghoxrin (325) fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta bil-pizjiet, drittijiet u pertinenzi tieghu, bil-valur komplessiv dawn l-assi kollha ta' erbgha mija, tlieta u sebghin elf, hames mija u hames ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€473,505.22).

4. **Tilqa' ir-raba’ talba attrici** fis-sens li tillikwida l-legittima spettanti lill-esponent fuq l-assi ta' Paolo Debbattista fl-ammont ta' sebgha u erbghin elf, tliet mija u hamsin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€47,350.52) u tikkundanna lill-Maria Stella Debattista sabiex thallas dan l-ammont hekk likwidat flimkien mal-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8% li ghandhom jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont hekk likwidat mill-15 ta’ Ottubru 2008 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati fi kwoti ndaqs bejniethom ghajr ghall-ispejjez ta' John Debattista li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------